



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 27.11.2013  
SWD(2013) 477 final

**DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI**

**SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT**

*Li jakkumpanja d-dokument*

**Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

**dwar l-ghajjnuna legali proviżorja għal persuni ssuspettati jew mixlija m'caħħda mil-libertà u l-ghajjnuna legali fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew**

{COM(2013) 824 final}

{SWD(2013) 476 final}

{SWD(2013) 499 final}

# DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

## SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

### *Li jakkumpanja d-dokument*

#### Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

#### **dwar l-ghajjnuna legali proviżorja għal persuni ssuspettati jew mixlija m'caħħda mil-libertà u l-ghajjnuna legali fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew**

### 1. DEFINIZZJONI TAL-PROBLEMA

Il-problema **ġenerali** indirizzata f'din il-valutazzjoni tal-impatt għandha żewġ aspetti: (a) m'hemmx biżżejjed protezzjoni tad-drittijiet fundamentali ta' persuni ssuspettati u mixlija fl-UE u (b) hemm bżonn li tissaħħaħ il-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri minħabba n-nuqqas ta' standards fl-ghajjnuna legali.

Attwalment m'hemm l-ebda strument legali tal-UE li jipprovdi għall-persuni ssuspettati u mixlija d-dritt għal ghajjnuna legali fi proċedimenti kriminali. Minkejja standards komuni fuq livell Ewropew<sup>1</sup> u l-fatt li l-Istati Membri kollha għandhom sistema ta' ghajjnuna legali, hemm livell għoli ta' varjazzjonijiet bejn id-diversi sistemi ta' ghajjnuna legali tal-Istati Membri fil-liġi u fil-prattika. Dan iwassal għal nuqqasijiet fil-protezzjoni tad-dritt għal proċess ġust. Id-dritt limitat għal ghajjnuna legali f'ċerti Stati Membri għandu l-potenzjal li jtellef mill-fiduċja reċiproka u fil-kooperazzjoni ġudizzjarja reċiproka fil-qasam tal-proċedimenti kriminali, kif ukoll ifixkel id-dritt għal proċess ġust skont il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-Karta).

Id-dritt għall-ghajjnuna legali huwa intrinsikament marbut mad-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat. Għall-persuni li m'għandhomx mezzi u f'ċerti sitwazzjonijiet (pereżempju meta ma tingħatax il-libertà), l-aċċess għas-servizzi ta' avukat ma jistax ikun effettiv jekk l-Istat ma jipprovdi ghajjnuna legali b'mod prattiku u finanzjarju sabiex jiżguralthom assistenza legali. Filwaqt li d-Direttiva proposta tal-UE dwar l-aċċess għas-servizzi ta' avukat<sup>2</sup>, li l-adozzjoni formali tagħha għadha pendent, tipprevedi d-dritt ta' aċċess għas-servizzi avukat, ma fiha l-ebda dispożizzjoni dwar min iħallas jew jipprokura avukat. Għaldaqstant, mingħajr l-intervent tal-UE sabiex jiġu stabbiliti standards minimi komuni dwar l-ghajjnuna legali, id-dritt ta' aċċess għas-servizzi avukat kif previst mid-Direttiva jista' ma jkunx prattiku u effettiv.

In-nuqqas ta' standards xierqa dwar l-ghajjnuna legali jaffettwa l-fiduċja reċiproka bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji u jtellef fil-kooperazzjoni ġudizzjarja ta' bejn l-Istati Membri. Dan huwa ta' ħsara għar-rikonoxximent reċiproku tad-deċiżjonijiet u tas-sentenzi ġudizzjarji, u għal każijiet oħra ta' kooperazzjoni ġudizzjarja bejn l-Istati Membri, kif ukoll itellef mill-fiduċja fl-istrumenti transkonfinali. Jekk l-awtoritajiet ġudizzjarji jkollhom dubju dwar kemm ġurisdizzjoni oħra hija konformi mad-drittijiet għal proċess ġust, u jemmnu li hemm ir-riskju li persuna ssuspettata jew mixlija mhux se jkollha aċċess effettiv għall-pariri legali minħabba n-nuqqas ta' ghajjnuna legali, it-talbiet għall-kooperazzjoni ġudizzjarja minn dik il-

<sup>1</sup> L-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u l-Artikolu 6(3)(c) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB).

<sup>2</sup> COM(2011) 326 final, 8.6.2011.

ġurisdizzjoni jistgħu jiġu rrifjutati. Minħabba li l-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku huwa l-pedament tal-qasam tal-Ġustizzja, huwa meħtieġ li tiżdied il-fiduċja reċiproka sabiex ikun effettiv.

**Il-problema speċifika** indirizzata hija li hemm nuqqas ta' aċċess għal għajnuna legali effettiva għall-persuni ssuspettati jew mixlija fl-UE, li jagħmel ħsara lill-fiduċja reċiproka u għat-tħaddim bla xkiel tas-sistema tar-rikonoxximent reċiproku. Hemm żewġ raġunijiet għal din il-problema:

- Il-possibbiltajiet ta' aċċess għal għajnuna legali fi proċedimenti ta' Mandat ta' Arrest Ewropew (MAE) fl-Istati Membri mhumiex biżżejjed;
- L-assistenza permezz ta' għajnuna legali mhix dejjem disponibbli fl-istadji bikrin tal-proċedimenti, speċjalment qabel ma tkun ittieħdet deċiżjoni dwar għajnuna legali, għalkemm id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat japplika minn meta l-persuna tiġi mgħarrfa mill-awtoritajiet li hija persuna ssuspettata;

Barra minn hekk, hemm żewġ elementi oħra li għandhom ukoll il-potenzjal li jtellfu mill-fiduċja reċiproka:

- Kriterji ta' eliġibbiltà restrittivi wisq sabiex tingħata għajnuna legali;
- Nuqqasijiet fil-kwalità u fl-effettività tal-assistenza legali li tingħata permezz ta' skemi ta' għajnuna legali.

*L-ewwel raġuni – L-għajnuna legali fi proċedimenti ta' MAE:* Id-Direttiva dwar l-aċċess għas-servizzi ta' avukat se tagħti d-dritt għal rappreżentazzjoni doppja fil-proċedimenti ta' estradizzjoni taħt il-MAE.<sup>3</sup> Meta persuna tiġi arrestata b' MAE hija jkollha d-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fl-Istat Membru li jeżegwixxi l-proċedimenti ta' estradizzjoni, u d-dritt li taħtar it-tieni avukat fl-Istat Membru li ħareġ il-MAE sabiex jikkoordina mal-avukat fl-Istat Membru li jeżegwixxihom. Madankollu, id-Direttiva ma teħtieġ li din l-assistenza legali tkun koperta b'għajnuna legali. L-ebda Stat Membru attwalment ma jagħti għajnuna legali għas-servizzi ta' avukat fl-Istat Membru emittenti. Id-dritt għall-għajnuna legali għadu esklussivament rregolat mil-liġi nazzjonali fl-Istati Membri ta' eżekuzzjoni u dawk emittenti, u dan jaffettwa l-effettività ta' dan id-dritt u l-applikazzjoni konsistenti tiegħu, minkejja d-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat previst mid-Direttiva. Dan jista' jippreġudika d-drittijiet tal-konvenut fi proċedimenti ta' MAE, jikkawża dewmien u spejjeż żejda kif ukoll jista' fl-aħħar mill-aħħar jtellef mill-fiduċja reċiproka li hija meħtieġa sabiex l-istrument ta' MAE jaħdem bla xkiel.

*It-tieni raġuni – L-għażla taż-żmien:* Huwa ta' importanza kbira li jkun hemm aċċess għas-servizzi ta' avukat mill-aktar fis possibbli fl-istadji investigattivi tal-proċedimenti sabiex jiġi protett d-dritt għal proċess ġust tal-persuni ssuspettati, sabiex tiġi żgurata l-kwalità tal-evidenza u biex ikun hemm protezzjoni kontra l-intimidazzjoni u t-trattament ħażin. Fil-fatt, id-Direttiva dwar l-aċċess għas-servizzi ta' avukat tiżgura assistenza legali mill-mument meta persuna tiġi mgħarrfa mill-awtoritajiet li hija ssuspettata jew mixlija b'reat kriminali – iżda ma tiggarrantix li din l-għajnuna hija koperta mill-għajnuna legali. Għadd ta' Stati Membri ma għandhomx sistema li tiffunzjona ssanzjonata mill-Istat li tiżgura li jkun hemm aċċess effettiv bla ħlas għas-servizzi ta' avukat fl-istadji l-aktar bikrija tal-proċedimenti, speċjalment għall-

<sup>3</sup> Il-proċedimenti ta' MAE mhumiex *per se* meqjusa b'ħala "proċedimenti kriminali" u mhumiex koperti mill-KEDB.

persuni f'detenzjoni. Dawn in-nuqqasijiet huma rikonoxxuti b'mod mifruq mill-partijiet interessati<sup>4</sup> u jfixklu serjament il-qofol tad-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat.

*It-tielet raġuni – L-eliġibbiltà:* Kif previst fil-Karta u fil-KEDB, l-Istati Membri jistgħu jużaw żewġ kundizzjonijiet sabiex jiddeterminaw jekk persuna għandix id-dritt għall-għajjnuna legali b'xejn: il-persuna ma jkollhiex biżżejjed mezzi (it-test tal-mezzi); u fl-interess tal-ġustizzja tkun meħtieġa l-għajjnuna legali (it-test tal-merti).<sup>5</sup> Hemm varjazzjoni wiesgħa fil-mod ta' kif issir valutazzjoni tal-eliġibbiltà fl-Istati Membri. Hemm ukoll diverġenza wiesgħa dwar kif il-kriterji ta' "mezzi" u ta' "merti" jinfthiemu. Il-kriterji restrittivi ta' eliġibbiltà jirriżultaw f'ħafna persuni ssuspettati jew mixlija li ma jkollhomx biżżejjed mezzi sabiex ma jibbenefikawx mill-għajjnuna legali anke meta huwa fl-interess tal-ġustizzja. Konsegwentement, id-drittijiet tagħhom għal difiża mhux se jiġu garantiti sew.

*Ir-raba' raġuni – Il-kwalità:* Il-QEDB stipulat li l-obbligu tal-Istat li jipprovdi assistenza legali b'xejn ma jiġix sodisfatt billi jiġi sempliċement maħtur avukat iffinanzjat mill-fondi pubbliċi, huwa għandu jiżgura li l-assistenza mogħtija mill-avukati tal-għajjnuna legali hija Prattika u effettiva, u ta' ċertu kwalità.<sup>6</sup> Il-kwalità tal-assistenza koperta mill-għajjnuna legali tista' tiġi żgurata permezz ta': (1) il-kwalifiki u l-akkreditament; (2) it-taħriġ tal-avukati u (3) il-monitoraġġ tal-xogħol kopert bl-għajjnuna legali. F'ħafna Stati Membri, ftit li xejn hemm garanzija ta' kwalità, jew kważi xejn.

**Min jintlaqat bil-miżuri?** Potenzjalment il-persuni ssuspettati jew mixlija kollha fi proċedimenti kriminali fl-UE huma affettwati. Madwar 10 miljuni proċedimenti kriminali jseħħu fl-UE kull sena, iżda ma jkun hemm l-ebda dejta disponibbli dwar l-għadd ta' proċedimenti li fihom persuna suspettata jew mixlija ma ngħatatx għajjnuna legali. Il-miżuri jaffettwaw ukoll lill-avukati li jipprovdu jew jistgħu jipprovdu assistenza, permezz ta' għajjnuna legali, lil dawn il-persuni.

## 2. ANALIŻI TAS-SUSSIDJARJETA

Hemm bżonn ta' azzjoni tal-UE abbażi tat-tliet fatturi li ġejjin:

- (1) Il-problema għandha dimensjoni transkonfinali għaliex jekk ċerti Stati Membri ma jirrispettawx id-dritt proċedurali għall-għajjnuna legali, dan joħloq problemi għall-Istati Membri l-oħra.<sup>7</sup>
- (2) Iċ-ċittadini tal-UE jistgħu jkunu involuti fi proċedimenti kriminali barra mill-Istat Membru tagħhom, u l-ħtiġijiet ta' dawn il-persuni ssuspettati jew mixlija għandhom jiġu indirizzati fil-livell tal-UE.

<sup>4</sup> Ara pereżempju Schumann, Bruckmüller, Soyer, *Pre-Trial Emergency Defence* Intersentia 2012. Cape et al, *Effective Criminal Defence in Eastern Europe*, LARN 2012. Ara wkoll ir-Rapport tal-FTI *Defence Rights in the EU*, Ottubru 2012, paragrafi 71-73 fejn hemm irrappurtat dwar bosta problemi fl-iskemi b'avukati li jkunu fuq servizz fl-Istati Membri u r-rapport reċenti ta' Justicia, p. 46. Ir-Rapport tal-Konferenza mill-Konferenza dwar l-għajjnuna legali f'Varsavja. Ara wkoll *Improving pre-trial Justice*, p. 38 tal-Open Society Institute Sofia 2008, *Report on Civic monitoring of police stations* (b'rabta mal-BU).

<sup>5</sup> Il-KEDB u l-Karta jħaddnu test kumulattiv dwar il-mezzi u l-merti, u l-persuni jridu jikkwalifikaw fit-tnejn sabiex jiksbu l-għajjnuna legali. Għalhekk huwa aċċettat li hemm sitwazzjonijiet fejn persuna ssuspettata li ma jkollhiex biżżejjed riżorsi ma tikkwalifikax għall-għajjnuna legali, pereżempju meta l-każ ma jkunx wieħed kumpless jew minħabba li s-sanzjoni li tista' tiġi imposta ma tkunx daqshekk serja.

<sup>6</sup> *Pavlenko vs Russia*, Rikors nru 42371/02, sentenza tal-4 ta' Ottubru 2010, paragrafu 99.

<sup>7</sup> Pereżempju, jekk awtorità ġudizzjarja tintalab biex teżegwixxi sentenza tal-qorti minn Stat Membru ieħor fejn l-istandards mhumiex adegwati, tista' jew tirrifjuta li tagħmel dan, jew tista' titlob tagħrif addizzjonali li jwassal biex l-eżekuzzjoni tiddewwem.

- (3) Il-KEDB diġà tistipula standards għal proċessi ġusti fl-Ewropa, iżda l-mekkaniżmi ta' infurzar tagħha ma jggarantixxux livell suffiċjenti u konsistenti ta' protezzjoni jew ta' konformità mill-Istati firmatarji tagħha, inklużi l-Istati Membri tal-UE.

### 3. L-OBJETTIVI TAL-INITJATTIVA TAL-UE

Kull miżura li tittieħed fil-livell tal-UE dwar l-għajnuna legali, li ġiet żviluppata abbażi tal-problemi ġenerali u speċifiċi identifikati hawn fuq, għandha tilħaq l-oġettivi ġenerali, speċifiċi u operattivi li ġejjin.

<b>Ġenerali:</b>	<ul style="list-style-type: none"> <li>Sabiex tiggarrantixxi liċ-ċittadini tal-UE standard ta' livell għoli fil-protezzjoni tad-drittijiet proċedurali fundamentali fi proċedimenti kriminali.</li> <li>Sabiex tissaħħaħ il-fiduċja reċiproka u b'hekk ir-rikonoxximent reċiproku tas-sentenzi u tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji fl-UE jkun aġevolat, u sabiex titjeb il-kooperazzjoni ġudizzjarja fl-UE.</li> </ul>
<b>Speċifiċi:</b>	<ul style="list-style-type: none"> <li>Sabiex jiġi żgurat li l-persuni ssuspettati jew mixlija jkollhom aċċess għall-għajnuna legali u jingħataw għajnuna legali adegwata matul il-proċedimenti kriminali, f'livell li jiżgura fiduċja reċiproka msaħħa.</li> <li>Sabiex jiġi żgurat li d-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat, kif previst mid-Direttiva dwar id-Dritt ta' Aċċess għas-Servizzi ta' Avukat għall-persuni ssuspettati u mixlija u għall-persuni suġġetti għall-proċedimenti ta' MAE, ikun effettiv, billi tiġi żgurata l-għajnuna legali.</li> </ul>
<b>Operattivi:</b>	<ol style="list-style-type: none"> <li>Sabiex jiġi żgurat li l-għajnuna legali hija disponibbli għall-persuni suġġetti għal MAE,</li> <li>Sabiex jiġi żgurat l-aċċess għall-assistenza koperta mill-għajnuna legali (“id-difiża f'emerġenza”) fl-ewwel stadji tal-proċedimenti,</li> <li>Sabiex jiġi żgurat l-aċċess effettiv għall-għajnuna legali għal persuni ssuspettati u mixlija li m'għandhomx mezzi suffiċjenti (it-test tal-mezzi), u fejn huwa meħtieġ sabiex jiġi żgurat aċċess effettiv għall-ġustizzja (it-test tal-mertu),</li> <li>Sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri jieħdu miżuri biex itejbu l-kwalità tas-servizzi koperti mill-għajnuna legali.</li> </ol>

### 4. GĦAŻLIET TA' POLITIKA

Erba' għażliet ta' politika ewlenin tqiesu fid-dettall:

<b>Għażla 1 – Status quo</b>	<b>Iż-żamma tal-istatus quo.</b> L-ebda azzjoni fil-livell tal-UE.
<b>Għażla 2 – Livell ta' obbligu baxx</b>	<b>Azzjoni mhux leġislattiva:</b> Azzjonijiet għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet, tal-għoti tal-informazzjoni, tal-iskambju tal-aħjar prattiki bejn l-Istati Membri (billi jinħoloq grupp ta' esperti biex jiġbor l-aħjar prattiki għal-linji gwida tal-prattikanti).
<b>Għażla 3 – Livell ta'</b>	<b>L-istrument legali</b> L-għażla sekondarja 3(a) permezz ta' Rakkomandazzjoni; L-għażla sekondarja 3(b) permezz ta' Direttiva; jew

<b>obbligu medju</b>	permezz ta' taħlita tat-tnejn li huma: Bejn billi jiġu stabbiliti standards kwalitattivi minimi kif inhuma previsti fil-KEDB u fil-Karta, u bejn billi tissaħħaħ il-prevedibilità tal-istandards nazzjonali kif ukoll jogħla l-livell ta' tagħhom. L-istrument legali, b'mod partikolari, ikun jinkludi dispożizzjonijiet li jiżguraw li l-persuni ssuspettati u mixlija jistgħu jibbenefikaw minn għajjuna legali fi proċedimenti ta' MAE u fl-ewwel stadji tal-proċedura. Madankollu, mhux se jkun hemm azzjoni ddettaljata preskruttiva, hija fid-diskrezzjoni tal-Istati Membri kif jimplementawh. Iż-żewġ għażliet sekondarji jistgħu jiġu kkombinati billi xi elementi jkunu previsti fi strument legali vinkolanti, filwaqt li elementi oħra jkunu previsti fi strument legali nonvinkolanti.
<b>Għażla 4 – Livell għoli ta' obbligu</b>	<b>L-istrument legali</b> Permezz ta' Direttiva li tipprevedi kriterji ddettaljati minimi armonizzati dwar l-aċċess u l-kwalità tal-għajjuna legali, li sa ċertu punt jmorru lil hinn mill-istandards kwalitattivi stipulati fil-KEDB.

## 5. IL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATTI

### 5.1. L-effettività sabiex jintlaħqu tal-oġġettivi politiċi

- **Għażla 1:** L-aċċess insuffiċjenti għall-għajjuna legali jibqa' l-istess jew imur għall-agħar.
- **Għażla 2:** L-inċentiv għall-Istati Membri sabiex itejbu l-aċċess għall-għajjuna legali huwa insuffiċjenti, ladarba ma hemmx azzjoni leġislattiva.
- **Għażla 3(a)** – Rakkomandazzjoni: Għandha impatt medju minħabba li din l-għażla se tikkontribwixxi sabiex jintlaħqu l-oġġettivi ġenerali. Madankollu, minħabba n-natura nonvinkolanti ta' dan l-istrument, hemm ir-riskju li din l-għażla ma jkollha l-ebda impatt tanġibbli peress li tista' ma tiġix implimentata kollha kemm hi mill-Istati Membri kollha.
- **Għażla 3(b)** – Direttiva: Għandha impatt kbir minħabba li din l-għażla se twassal għal titjib sinifikanti permezz ta' standards minimi komuni dwar l-għajjuna legali li huma legalment vinkolanti u infurzabbli.
- **Għażla 4:** Għandha impatt kbir ħafna għax ikollha s-saħħa kollha ta' istrument leġislativ (b'natura vinkolanti, b'eżegwibbiltà għolja) u jkollha impatt sinifikanti pożittiv li jwassal biex jintlaħaq l-oġġettiv tal-politika, madankollu titfa' piż kbir fuq l-Istati Membri. Din se ttejjeb b'mod sinifikanti l-fiduċja reċiproka u l-kooperazzjoni.

### 5.2. Impatt fuq id-Drittijiet Fundamentali

- **Għażla 1:** Ma għandha l-ebda impatt billi l-aċċess għall-għajjuna legali se jibqa' jiġi protett fil-livell tal-Istati Membri permezz tal-KEDB u tal-Karta, u se jibqgħu l-problemi attwali ta' protezzjoni limitata.
- **Għażla 2:** Għandha impatt żgħir billi t-titjib fil-proċess ġust u fid-drittijiet tad-difiża se jiddependu fuq kemm l-Istati Membri jikkonformaw mal-aħjar eżempji ta' prattiki jew linji gwida, fuq kif l-informazzjoni dwar l-għajjuna legali se tixxerred u kif se jsir it-taħriġ.
- **Għażla 3(a)** – Rakkomandazzjoni: Hija pożittiva iżda għandha impatt medju żgħir fuq id-drittijiet fundamentali u tiddependi fuq kif l-Istati Membri jimplementawha. Xi titjib huwa mistenni fil-proċess ġust u fid-drittijiet tad-difiża, iżda n-nuqqas ta' metodu ta' infurzar jista' jtejjeb biss ftit s-sitwazzjoni.
- **Għażla 3(b)** – Direttiva: Għandha impatt kbir billi din l-għażla jkollha l-istess impatt pożittiv bħall-għażla 3(a), iżda permezz ta' miżura legalment vinkolanti.

- **Għażla 4:** Għandha impatt pożittiv sinifikanti fuq id-drittijiet fundamentali tal-persuni ssuspettati jew mixlija.

### 5.3. Impatti Soċjali

- **Għażla 1:** Ebda implikazzjoni.
- **Għażla 2:** Hija pożittiva iżda għandha impatt limitat minħabba azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni, it-tisħiħ tal-kapaċitajiet u t-taħriġ.
- **Għażla 3(a)** – Rakkomandazzjoni: Jekk tiġi implimentata kif support mill-Istati Membri, din l-għażla jkollha impatti soċjali pożittivi (pereżempju aċċess ugwali għall-ġustizzja billi tiġi żgurata l-assistenza permezz tal-għajjnuna legali u titjib fil-kwalità ta' din l-assistenza).
- **Għażla 3(b)** – Direttiva: Għandha impatt kbir billi din l-għażla jkollha l-istess impatt pożittiv bħall-għażla 3(a) iżda permezz ta' miżura legalment vinkolanti.
- **Għażla 4:** Għandha impatti soċjali kbar peress li se twessa' l-aċċess għall-għajjnuna legali u konsegwentement il-possibbiltà għal proċess ġust għal persuni ssuspettati u mixlija fil-bżonn.

### 5.4. Impatt fuq is-sistemi nazzjonali tal-ġustizzja

- **Għażla 1:** Ma għandha l-ebda impatt – is-sistemi nazzjonali jistgħu jevolvu lejn aktar konverġenza f'konformità mal-ġurisprudenza tal-QEDB, iżda mhux fuq perjodu ta' żmien qasir jew medju.
- **Għażla 2:** L-impatt globali se jkun limitat ladarba l-azzjonijiet huma nonvinkolanti u ma għandhomx l-għan dirett li jistabbilixxu standards minimi komuni fl-UE.
- **Għażla 3(a)** – Rakkomandazzjoni: Minħabba n-natura nonvinkolanti tagħha, huwa diffiċli li jiġi previst l-impatt tagħha, għax jiddependi fuq kemm l-Istati Membri jridu jikkonformaw. Jekk tiġi implimentata kif support, din l-għażla tkun teħtieġ bidliet fis-sistemi tal-Istati Membri li attwalment għandhom standards baxxi tal-għajjnuna legali.
- **Għażla 3(b)** – Direttiva: Għandha impatt medju kbir billi din l-għażla tkun teħtieġ riformi leġiżlattivi f'għadd ta' Stati Membri, madankollu tippermetti ċerta flessibbiltà permezz ta' obbligi fformulati b'mod ġenerali.
- **Għażla 4:** Għandha l-aktar impatti sinifikanti fuq is-sistemi tal-ġustizzja nazzjonali billi l-ġudikatura jkollha l-għodda kollha meħtieġa sabiex tiggarrantixxi d-dritt għall-għajjnuna legali bi standard għoli. Ikun hemm bżonn jitwettqu riformi leġiżlattivi sinifikanti fis-sistemi tal-għajjnuna legali tal-Istati Membri kollha, sabiex ikunu konformi mal-istrument.

### 5.5. Impatt finanzjarju u ekonomiku

- **Għażla 1:** Ma hemm l-ebda piżijiet finanzjarji immedjati assoċjati ma' din l-għażla.
- **Għażla 2:** L-ispejjeż għal din l-għażla se jkunu limitati u se jitħallsu kemm mill-Istati Membri kif ukoll mill-UE. L-ogħla total tal-ispejjeż finanzjarji huwa stmat li se jkun madwar **EUR 23 miljun**.
- **Għażla 3(a)** – Rakkomandazzjoni: Jekk l-Istati Membri jikkonformaw mar-rakkomandazzjoni, l-ispejjeż ikunu l-istess bħal fl-għażla 3(b).
- **Għażla 3(b)** – Direttiva: L-ispejjeż totali huma mistennija li jkunu fil-medja tal-erba' għażliet, u ħafna minnhom se jitħallsu mill-amministrazzjonijiet pubbliċi fil-livell lokali u nazzjonali. L-ispejjeż totali jvarjaw minn **EUR 247 sa EUR 382 miljun**. Dawn jinkludu l-ispejjeż għall-miżuri li ġejjin:
  - L-għajjnuna legali fi proċedimenti ta' MAE: **EUR 0,13-0,24 miljun (fl-UE fis-sena)**
  - Is-sistema ta' difiża f'emerġenza: **EUR 52-81 miljun (fl-UE fis-sena)**

- Il-kriterji ta' eliġibbiltà minimi komuni: **EUR 181-287 miljun (fl-UE fis-sena)**
- Il-kontroll tal-kwalità: **EUR 13,4 miljun (fl-UE fis-sena)**
- **Għażla 4:** L-ispejjeż totali huma mistennija li jkunu **l-ogħla** mill-erba' għażliet, u ħafna minnhom se jitħallsu mill-amministrazzjonijiet pubbliċi fil-livell lokali u nazzjonali. L-ispejjeż totali jvarjaw minn **EUR 1 594 sa EUR 1 716-il miljun**. Dawn ikunu jinkludu l-ispejjeż għall-miżuri li ġejjin:
  - L-għajjnuna legali fi proċedimenti ta' MAE: **EUR 0,8-1,1 miljun (fl-UE fis-sena)**
  - Is-sistema ta' difiża f'emerġenza: **EUR 180-210 miljun (fl-UE fis-sena)**
  - Il-kriterji minimi komuni ta' eliġibbiltà: **EUR 1.4 biljun** (biż-żieda ta' EUR 92 miljun għall-għajjnuna legali obbligatorja għat-tfal) **(fl-UE fis-sena)**
  - Il-kontroll tal-kwalità: **EUR 13,4-il miljun (fl-UE fis-sena)**

Għall-għażliet 3 u 4 l-ispejjeż ma jeħdux inkonsiderazzjoni l-iffrankar fl-ispejjeż li huwa possibbli minn tnaqqis fl-ispejjeż attwali tal-QEDB u tal-appelli domestiċi, tal-proċessi mill-ġdid, tal-proċedimenti mitmuma minħabba rappreżentazzjoni legali mhux adegwata.

## 6. IT-TQABBIL TAL-GĦAŻLIET/L-GĦAŻLA PREFERUTA

Ma hemm l-ebda għażla ppreferuta.

## 7. MONITORAĠĠ U EVALWAZZJONI

Jekk l-għażla ppreferuta tkun azzjoni leġiżlattiva fil-forma ta' Direttiva, iż-żmien stipulat għat-traspożizzjoni tad-Direttiva mill-Istati Membri se jkun ta' 18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ tagħha. L-Istati Membri għandhom jintalbu jiġbru dejta affidabbli sabiex jassistu f'dan il-proċess, peress li attwalment hemm nuqqas ta' dejta bħal din. Jekk l-għażla ppreferuta hija azzjoni fil-forma ta' Rakkomandazzjoni, il-Kummissjoni tivvaluta l-implimentazzjoni tagħha l-aktar tard fi żmien erba' snin minn meta tiġi ppublikata.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni qed tippjana li twettaq studju empiriku speċifiku b'enfasi fuq il-ġbir tad-dejta wara li kull strument tal-Pjan Direzzjonali dwar id-Drittijiet Proċedurali jkun ilu applikat minn tliet snin sa ħamsa. Sabiex takkwista għarfien kwantitattiv u kwalitattiv fil-fond dwar l-effikaċja tal-proposti, se jintużaw indikaturi speċifiċi għall-għajjnuna legali.